**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 26 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1009/01 AJD*

Vodafone Malta Limited

vs

Mark Mallia

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-19 ta' Settembru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u tletin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm436.70) rapprezentanti hlas ghas-servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru 0942 9854. Il-konvenut interpellat diversi drabi biex ihallas baqa' inadempjenti.
Bl-ispejjes, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Beppe Fenech Adami, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sitat u tletin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm436.70) bl-imghaixjiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR